# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 22 ta' Settembru 2021**

**Talba Numru 288/2019SFJ**

***GO plc (C22334)***

***vs.***

***Fabrizio Scirè (162827A)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi esponiet u talbet:

"*Illi l-konvenut għandu jagħti lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett elef erba' mija u erbatax-il Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€3,414.22) inkwantu għal elfejn tlett mija u sebgħa u disgħin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€2,397.70) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru*

*40790105 u elf u sittax-il Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€1,016.52) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40818852.*

*Illi interpellat sabiex jgħaddi għall-ħlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra l-konvenut li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.*

*Bl-ispejjeż u d-drittijiet u bl-imgħaxijiet legali.*"

Ra d-dokumenti kollha annessi mal-Avviż tat-Talba, partikolarment id-dokumenti "A1", "A2", "B1", "B2", "B3", "B4" u "B5".

Ra li l-konvenut ġie nnotifikat bl-Avviż tat-Talba (fol. 39 sa 47).

Ra li l-konvenut ma ppreżenta ebda Risposta jew imqar sottomissjoni oħra kwalsiasi.

Ra li l-konvenut ma deher għal ebda seduta.

Sema' lil Maryanne Camilleri (586474M) tixhed taħt ġurament fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2021 u ra li hija kkonfermat l-ammont komplessiv mitlub fl-Avviż tat-Talba kien jirrigwarda l-kontijiet bin-numri 40790105 u 40818852. Inoltre, Camilleri xehdet ukoll li sat-2 ta' Lulju 2021, ma kien sar ebda pagament.

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

Ikkunsidra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Fid-dawl tal-provi ppreżentati, jiġifieri x-xhieda ta' Maryanne Camilleri, *credit control officer* fi ħdan is-soċjetà attriċi u d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba (fol. 2 sa 13), liema provi huma inkontestati, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-soċjetà attriċi rnexxielha tipprova li hija kreditriċi tal-konvenut fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li ra l-atti sewwa, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u għalhekk jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma komplessiva ta' tlett elef u erba' mija u erbatax-il Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€3,414.22) bl-imgħax li għandu jiddekorri mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża (jiġifieri mill-4 ta' Ottubru 2019) b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-konvenut għandu jħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**